MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2013

Numru. 89/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ian J Abdilla]**

**vs**

**Noel Aquilina**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Noel Aquilina detentur tal-karta tal-identita` numru 40976(M).

Akkuzat talli fil-5 ta' Awwissu 2010, u fix-xhur u fis-snin ta' qabel f'dawn il-Gzejjer:
1. Ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt; jew gieghel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali jew weghdiet; jew ta struzzjonijiet biex isir delitt; jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-

delitt, fl-atti li bihom dawn, ghamlu jew taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

2. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, wieghd, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhxu xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tezercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq kien ghal dik il-persuna jew ghal xi hadd iehor.

B'hekk, huwa:

a. Sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

b. Ghamel reat waqt il-perjodu operattiv ta' senenza ta' habs sospiza, liema sentenza inghatat fl-4 ta' Gunju 2007, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament preseduta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi midbula; u

c. Ghamel ukoll reat fil-perjodu operattiv ta' ordni ta' probation, liema sentenza inghatat fl-4 ta' Gunju 2007, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversmanet preseduta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi,
i. tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti; u
ii. tikkundanna lill-akkuzat/I ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih anke wara li nghata zmien sabiex jahsibha rega' ikkonferma tali ammissjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz illi l-imputat talab sabiex isir pre-sentencing report minn probation officer imqabbad mill-Qorti.

Rat il-pre sentencing report ipprezentat mill-probation officer Gordon Grech a fol 60 tal-process fejn l-ufficjal qal hekk:

*"Fid-dawl ta'din l-informazzjoni, jidher li fil-kaz ta'Noel Aquilina sar progress konsiderevoli matul is-snin li ghaddew. Huwa rceva ghajnuna minn diversi organizzazzjonijiet fosthom l-Ufficcju tal-Probation u Sedqa. Biss, minkejja dan, jidher li ghad hemm elementi fil-personalita'li ghad iridu jigu ndirizzati. Fil-fatt dan ghadu qed jigi ndirizzat fÓrdni ta'Probation li síssa ghad hemm fis-sehh. Ghaldaqstant, fir-rigward ta'piena, sabiex jinstab bilanc bejn l-aspett punittiv u dak riabilitattiv, u fl-istess hin jigi kkonsolidat il-progress notevoli li huwa ghamel qed jigi ssuggerit lil din l-Onorabbli Qorti li: Jigu esplorati s-sentenzi bbazati fil-komunita', b'kunsiderazzjoni specjali l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita'."*

Il-Qorti fliet sew dan ir-rapport u taqbel mal-konsiderazzjonijiet li hemm kontenuti fih u ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 42 (a), (b), (d), 185(1) u Art 121A(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta, qed issib lill-imputat Noel Aquilina hati tal-akkuzi dedotti kontrih u minflok tinfliggi piena qed tpoggih that Probation Order ghal zmien tliet (3) snin flimkien ma ordni ta'servizz fil-komunita'ghal perjodu ta' mitt (100) siegha.

A rigward l-akkuza (b) u cioe` li l-imputat ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta'sentenza sospiza, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 28B (2)(a) tastjeni milli taghmel ordni that l-Artikolu 28B(1) u tordna li s-sentenza sospiza ezistenti moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-4 ta'Gunju 2007 tibqa' in vigore, u dan sabiex l-imputat jinghata kull opportunita` sabiex jirriabilita ruhu hekk kif suggerit mill-probation officer fil-pre-sentencing report.

Illi a rigward l-akkuza c. u cioe` li l-imputat ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' probation order, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 23(1)(a) tal-Kap 446 il-Qorti qed tordna li il-perjodu operattiv ta'dik is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-4 ta'Gunju 2007 terga' tibda tiddekorri millum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------